# Animazzjoni tal-Quddies

Solennita tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu – Quddiesa ta' Nofsillejl Sena B

**Introduzzjoni**
Illejla qed niċċelebraw il-lejl qaddis tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk inġbarna hawn sabiex inroddu ħajr lil Alla għal dan il-misteru hekk kbir tal-Inkarnazzjoni ta' Ibnu Ġesù Kristu għas-salvazzjoni sħiħa tagħna.
Imqanqlin b'dan il-ferħ hekk kbir, nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Is 9, 1-6)
Il-profeta Isaija ifaħħar il-misteru kbir tal-Inkarnazzjoni li ġab ferħ mad-dinja kollha.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 95 (96), 1-2a.2b-3.11-12.13)
Illum tweldilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.

**It-Tieni Qari** (Tit 2, 11-14)
Bit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Lq 2, 1-14)
Il-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu ġabet ferħ u sliem fid-dinja kollha, b'mod speċjali fost dawk li verament jemmnu f'dan il-misteru hekk kbir.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
Kristu ġie fostna bħala bniedem biex isalvana. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna għal dan il-misteru hekk kbir billi nressqu dawn l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Alla ġie jgħammar fostna fl-istorja ta' Betlehem, iżda HU għadu jagħmel hekk kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.
Nersqu bil-ferħ għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.